# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-12 ta' Novembru 2019**

Appell numru 146 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Carmelo ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-6 ta' Mejju 2019 fil-konfront ta' Carmelo ZAMMIT, karta tal-identità bin-numru 208851M li flimkien ma' Brian ZAMMIT ġie mixli:

   Talli bejn Lulju 2013 u Novembru 2013 fiż-Żejtun, ġiegħlu annimal isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, kif ukoll abbandunaw l-istess annimal.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali datata għaxra (10) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) fejn huwa ta l-kunsens sabiex dawn il-proċeduri jiġu trattati b'mod sommarju;

Semgħet il-provi kollha inkluż it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-każ huma fil-qosor dawn li ġejjin. Illi l-imputati qegħdin jiġu akkużati talli bejn Lulju u Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) huma kkawżaw sofferenza lill-annimal ossija żiemel kif ukoll li abbandunaw dan l-annimal bil-konsegwenza li dan ġie eventwalment imraqqad.

Illi din il-Qorti semgħet numru ta' xhieda fosthom PS 827 Edward Grech fejn huwa kien l-uffiċjal li ħa r-rapport magħmul mill-imputat Carmelo ZAMMIT nhar id-dsatax (19) ta' Novembru elfejn u tlettax (2013) (a fol. 20 tal-atti – Dok EG1) fejn huwa rraporta li dan kellu żiemel ġo għalqa u dan ma setax jaċċedi għalih għaliex l-imputat l-ieħor Brian ZAMMIT kien għalaqlu x-xatba sa mill-għaxra (10) ta' Lulju tal-istess sena. Carmelo rraporta wkoll illi kien hemm ftehim bejnu u Brian li dan tal-aħħar kellu jitma' l-annimal u jtih jixrob u għal dan il-għan Carmelo kien iħalli l-ikel wara x-xatba sabiex Brian ikun jista' jitimgħu iżda għal xi raġuni dan qal li ż-żiemel ġie maltrattat. Carmelo rraportalu wkoll illi għall-ħabta ta' Ottubru dan kien taha lil Brian speċi ta' kutra għaż-żwiemel għal kontra l-kesħa iżda għal xi raġuni dan ma għamilhiex u bil-konsegwenza li ż-żiemel kellu jitraqqad wara li ġew tal-Animal Welfare.

Is-surġent jgħid ukoll illi meta ġie mitkellem Brian ZAMMIT dan kien qallu li huwa kien jitma' lil dan iż-żiemel iżda meta Carmelo kien tah il-kutra dan ma kienx libbishielu għaliex ftit qabel kien bagħat ittra bl-avukat lil Carmelo fejn kien intimah sabiex ineħħi ż-żiemel minn hemm iżda dan ma kienx għamel hekk. Is-surġent jgħid ukoll illi ma kienx jiftakar li dan iż-żiemel kellu xi stalla biex jistkenn iżda dan kien jgħix ġo paddock.

Semgħet ukoll lil Christopher Saliba li kien jaf ir-razzett ben tajjeb għaliex kien trabba hemmhekk u jgħid illi fl-antik kulħadd li kellu r-raba' hemmhekk kien jidħol minn dik ix-xatba sakemm ma ġie l-imputat Brian ZAMMIT fl-aħħar erba' (4) snin qabel l-inċident. Huwa jgħid ukoll illi dan Brian ZAMMIT kien għalaq ix-xatba fil-ħmistax (15) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) bil-konsegwenza li z-ziju tiegħu Carmelo ZAMMIT ma setax ikollu aċċess għall-annimali tiegħu u għall-paddock u l-kamra li kien

hemm magħha sabiex jidħlu ż-żwiemel fihom. Huwa jgħid li minħabba dan kien hemm diversi rapporti l-pulizija. Ix-xhud ikkonferma li Carmelo ZAMMIT kien jagħti l-ikel lil Brian sabiex jitma' ż-żiemel iżda ma jafx jekk qattx kien jitimgħu.

Xehdet ukoll Tessie Zahra li tiġi familjari tal-imputati iżda li xorta waħda għażlet li tixhed wara li ngħatat id-dritt li ma tixhidx, u tgħid illi hija wkoll għandha r-raba fil-post imsemmi u tgħid illi minn meta kien ġie joqgħod l-imputat Brian ZAMMIT dan għalaq ix-xatba u ħadd ma seta' jgħaddi minn hemm aktar. Hija tgħid illi hi u t-tifel tagħha flimkien ma' Carmelo ZAMMIT kienu jlestu l-ikel lil dan iż-żiemel sabiex iħalluh wara x-xatba biex Brian ZAMMIT jagħlfu iżda dawn ma jafux jekk effettivament kienx itih jiekol jew le. Hija tgħid illi darba waħda dan iż-żiemel intelaq mal-art u miet. Ix-xhud ikkonfermat li saru diversi rapporti u kawża l-Qorti kontra Brian ZAMMIT sabiex tinfetaħ din ix-xatba.

Xehed ukoll Anthony Zammit li hu missier l-imputat Brian ZAMMIT kif ukoll hu l-imputat l-ieħor Carmelo ZAMMIT fejn wara li ngħata d-dritt li ma jixhidx minħabba l-parentela huwa xorta waħda ried jixhed. Huwa jgħid illi x-xatba inkwistjoni kien għalaqha t-tifel tiegħu Brian sabiex ma jidħollu ħadd u dan fuq struzzjonijiet tiegħu. Huwa jgħid li dan iż-żiemel li kien tal-imputat l-ieħor Carmelo ZAMMIT kien itih biss il-landa tal-ġwież u daqshekk. Ma kienx jagħmillu xejn aktar. Huwa jgħid ukoll illi huwa ma kienx ta l-opportunita' lil ħuh Carmelo sabiex imur jieħu ħsieb lil dan iż-żiemel. Huwa jgħid ukoll illi l-imputat Carmelo ZAMMIT kellu żewġt iżwiemel u seta' faċilment ħa dan iż-żiemel ukoll kif għamel bl-ieħor.

Xehed ukoll Dr. Duncan Chetcuti Ganado li kien jaħdem fid-Dipartiment tal-Biċċerija fejn dan xehed li kien ġie mgħajjat, flimkien mad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali sabiex jintervjenu meta ż-żiemel kien qiegħed imut. Huwa jgħid illi meta daħal wara x-xatba sab iż-żiemel li kien deher vera bagħtut, kien qisu kellu xokk termiku fejn kellu t-temperatura ħafna aktar baxxa mis-suppost minbarra l-fatt li kien mgħaddam u muġugħ. Huwa għalhekk avża li dan iż-żiemel kellu jitraqqad. Ix-xhud esebixxa rapport li jinsab esebit fl-atti u mmarkat bħala Dok. DCG1 (fol. 42). Huwa fil-fatt jirrelata f'paġna tlieta (3) tar-rapport tiegħu li "the fact that this animal was lying on the floor, unable to get up was only the net result of a long period of neglect . . .".

Xehdet ukoll Elaine Galdes mid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali fejn fost l-oħrajn qalet li "ż-żiemel kien mixħut mal-art ma setax iqum, bloated ħafna, l-coat kien tant maħmuġ, kien qiegħed f'agunija, kien jidher li mhux ser iqum, kien qed jipprova imma insa ma kienx se jqum minn hemm. . . . Kienu selħiet qodma, kienu jidhru li kienu selħiet qodma, kellu mall-elbow, kellu anka taħt għonqu, kien jidher li ma kienx qiegħed miżmum

sew allura tlabna l-għanja tal-veterinarju." (Dok. IG1 – a fol. 52) Ix-xhud ikkonfermat illi ġiet tiftaħ ix-xatba il-mara ta' Brian ZAMMIT u ċioe' Josianne ZAMMIT imbagħad ġie r-raġel tagħha.

Xehed l-imputat Brian ZAMMIT fejn qal li dan iż-żiemel kien ilu xi sena u nofs hemm iżda huwa kien għalaq ix-xatba xi tmien xhur. Huwa jgħid illi dan iż-żiemel minn dejjem kien maħqur u fil-fatt kien għamel rapport dwar dan iżda qatt ma sar xejn. Fil-fatt dan iż-żiemel ma kellux fejn jistkenn imkien. Huwa jgħid li meta għalaq ix-xatba kien għamel rapport mal-pulizija sabiex jitneħħa dan iż-żiemel iżda qatt ma sar xejn. Fil-fatt l-imputat l-ieħor ħa xi affarijiet oħra iżda l-dan iż-żiemel ma ħadux. Huwa jgħid ukoll illi l-ko-imputat l-ieħor kien iħallilu naqra ikel ġo landa u l-anqas kien iħalli ilma jew tiben.

Ġew esebiti serje ta' rapporti bejn il-partijiet mill-Ispettur Johann Fenech (Dok. JF8 et seq).

Xehed ukoll Dr. Matthew Brincat li kien l-avukat tal-imputat Carmelo ZAMMIT li wara li ġie eżentat mis-sigriet professjonali kkonferma l-kwereli kollha magħmulin mill-istess klijent tiegħu u dawn kienu jirrigwardjaw ukoll l-istat ta' dan iż-żiemel.

Ġiet esebita sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Audrey Demicoli datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) fejn ġie deċiż li l-imputat Brian ZAMMIT f'dawk il-proċeduri ma kienx instab ħati ta' ragion fattasi a rigward l-għeluq tax-xatba inkwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi ma ġiex ikkontestat il-fatt li Brian ZAMMIT kien dak li sakkar ix-xatba inkwistjoni u dan bil-konsegwenza li ħaddieħor, inkluż il-ko-akkużat Carmelo ZAMMIT u familjari tiegħu, ma setgħu jidħlu oltre din ix-xatba.

Illi huwa risaput u mhux ikkontestat, anke mid-dokumenti ippreżentati, illi dan iż-żiemel kien proprjeta' ta' Carmelo ZAMMIT.

Illi huwa risaput ukoll illi dan iż-żiemel miet minħabba stat ħażin ħafna ta' malnutriment u ġrieħi u anke ta' abbandun totali ta' saħħet dan iż-żiemel. Dan ġie ampjament ippruvat permezz ta' diversi xhieda bħal veterinarju u l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Annimali li anke esebew ritratti tal-annimal mejjet li juru stat ta' abbandun kbir kif ukoll li kien irqiq.

Illi ġie ritenut ukoll u mhux ikkontestat illi Carmelo ZAMMIT jew familjari tiegħu kienu jħallu landa żgħira kulljum ta' ikel sabiex dan iż-żiemel jiġi mitmum u dan wara ftehim li sar mal-imputat Brian ZAMMIT.

Illi mix-xhieda ta' Brian ZAMMIT, dan kien konxju tal-fatt illi dan l-ammont ta' ikel ma kienx biżżejjed għal dan l-annimal iżda xorta waħda ma għamel xejn aktar. Illi pero' ħareġ ukoll illi huwa kien għamel rapport li ż-żiemel ma kienx fi stat tajjeb fl-istess perjodu meta huwa għalaq ix-xatba.

Illi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat Carmelo ZAMMIT kien ħa xi affarijiet meta tah iċ-ċans Brian ZAMMIT u dan meta għalaq ix-xatba u ma ħax l-istess żiemel. Dan forsi sabiex juża dan iż-żiemel bħala skuża fil-futur f'xi forum legali a vantaġġ tiegħu? Jew forsi huwa veru li dan iż-żiemel ma kienx fi stat tajjeb ta' saħħa kif kien qal Brian ZAMMIT u ħallieh hemm apposta forsi jiġri dak li fil-fatt ġara u jkun jista' jwaħħal fl-istess Brian ZAMMIT?

Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tikkundanna l-atteġġjament taż-żewġ imputati għaliex fil-każ ta' Brian ZAMMIT huwa kellu kontroll fuq is-sitwazzjoni u seta' jara li dan iż-żiemel kien sejjer lura. Huwa kien konxju li dan iż-żiemel ried ikun ikkurat mill-feriti li kellu, mimxut kulljum bħal kull żiemel u affarijiet oħra bażiċi għal dawn it-tip ta' annimali iżda għażel li jagħlaq għajn waħda u ma jagħmel xejn u dan għaliex dan iż-żiemel ma kienx tiegħu. Huwa kellu żewġ triqat: jew li jagħtih jiekol sew hu u jikkurah kif suppost jew li jara li dan iż-żiemel imur għand is-sid tiegħu. Iżda dan ma sarx.

Illi f'dan ir-rigward qed jiġi kkwotat dak li qalet il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana rapportata fil-Codice Penale e delle Leggi penali speciali (Annotato con La Giurisprudenza 2012) f'paġna 287 fejn kienet qed tiddibatti fuq il-culpa u fejn din irriteniet is-segwenti:
***"il giudice deve, altresi', accertare, sulla base di indici di rimproverabilita' ed evitabilita', che una condotta appropriata avrebbe evitato l'evento, in quanto non sarebbe razionale pretendere un comportamento comunque inidoneo ad evitare il risultato antigiuridico". (Cass. Pen., 12 Ottobre 2007, n. 37606)***

A rigward l-imputat Carmelo ZAMMIT, dan naqas ukoll permezz ta' azzjoni omissiva passiva tiegħu u dan għaliex kif ingħad hawn fuq huwa (għal xi raġuni li jaf hu biss) ħallieh f'post fejn kien diġa' ngħata ċ-ċans li jneħħieh iżda li għażel li jħallieh hemm. Bħala sid ta' żwiemel huwa jaf ben tajjeb li żiemel għandu bżonn ta' attenzjoni partikolari kuljum mhux kemm wieħed jagħtih jiekol biss u għalhekk li kieku riedlu l-ġid ma kien qatt iħallih hemmhekk u jafda f'persuna li magħha kien hemm diversi kwereli kontrih u saħansitra daħlu l-Qorti.

Illi f'dan ir-rigward l-istess Qorti ta' Kassazzjoni Taljana kkwotata fl-istess ktieb f'paġna 288 u 289 saħqet fuq il-prevedibilita' tal-event dannuż mill-aġent a rigward ommissjoni u qalet is-segwenti:

> *“. . . ovvero la possibilita’ di riconoscere il pericolo che ad una data condotta possa conseguire la realizzazione dell’evento considerato, l’accertamento della prevedibilita’ in concreto dell’evento richiede una valutazione “ex ante”, giacche’ non puo’ essere addebitato all’agente modello di non avere previsto un evento che, in base alla conoscenza che aveva o che avrebbe dovuto avere, non poteva prevedere, finendosi, diversamente opinando, con il costruire una forma di responsabilita’ oggettiva. (Cass. Pen., 1 maggio 2011, n. 26653)”*
>
> Din il-Qorti kompliet tgħid ukoll f’sentenza oħra:
> *“In tema di delitti colposi, nel giudizio di “prevedibilita’”, richiesto per la configurazione della colpa, va considerata anche la sola possibilita’ per il soggetto di rappresentarsi una categoria di danni sia pure indistinta potenzialmente derivante dalla sua condotta. (Cass. Pen., 19 giugno 2008, n. 40785)”*
>
> Illi għaldaqstant iż-żewġ imputati bl-għaġir tagħhom omissiv attiv u omissiv passiv għandhom jinstabu ħatja ta’ moħqrija taż-żiemel kif ukoll għall-abbandun tiegħu kkawżat b’dan l-għaġir.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat l-artikoli 8(2)(3)(4) u l-artikolu 45(1)(a) (kif kien in vigore qabel ma ġie emendat fl-2014) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta’ Malta sabet lill-imputati Carmelo ZAMMIT u Brian ZAMMIT ħatja tal-akkuża kif dedotta kontrihom u kkundannathom għall-ħlas ta’ multa ta’ ħamest elef ewro (€5,000) kull wieħed.

3. Illi minn din is-sentenza Carmelo ZAMMIT interpona appell permezz ta’ rikors datat 22 ta’ Mejju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b’mod sussidjarju, fl-eventwalita’ li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena imposta, b’piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

## A. <u>Dwar dak mistqarr mill-ko-imputat Brian ZAMMIT</u>

### A.1 Dwar dak mistqarr mill-ko-imputat Brian ZAMMIT

Fil-mori tal-investigazzjoni illi għamlet il-Pulizija Exekuttiva u li effettivament wasslet għall-proċeduri odjerni jemerġi illi nhar il-11 ta' Frar, 2014, il-ko-imputat Brian ZAMMIT rrilaxxa stqarrija, liema stqarrija tinsab eżebita fl-atti proċesswali.[1]

Illi sussegwentament nhar l-24 ta' Ottubru, 2016, il-ko-imputat Brian ZAMMIT għażel li jixhed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u matul id-deposizzjoni tiegħu ppreżenta diversi dokumenti, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok BZ1 sa Dok BZ5.

### A.1.2 Dwar Stqarrijiet magħmula minn ko-imputat

Fid-dawl tal-imsemmija stqarrija, deposizzjoni u dokumenti ppreżentati waqt l-istess deposizzjoni, qiegħda ssir referenza għall-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali artikolu jistipula illi:

*"658. <u>**Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra,**</u> <u>**tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha**</u>, kemm-il-darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

*Di piu'* l-artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta jistipula li:

<u>***"661. Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra."***</u>

**A bażi tas-su espost, il-pożizzjoni legali hija li jgħidu x'jgħidu ko-imputati jew ko-akkużati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bħala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkużat/i ieħor jew oħrajn.**

Din ir-regola ġiet saħansitra interpretata u estiża mill-ġurisprudenza biex anki tkopri każijiet fejn persuni li jkunu akkużati bl-istess reat imma fi proċeduri separati ma jkunux meqjusa bħala xhieda kompetenti u produċibbli kontro ko-akkużati jew ko-imputati oħrajn, ħlief meta l-proċess tax-xhud ikun ġie deċiż definittivament.[2]

---

[1] Dok JF 6 pprezentata nhar it-23 ta' Mejju, 2016

[2] Vide passim, "Il-Pulizija vs Joseph Grech et." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut"[3] rriteniet li:

**Il-bażi ta' dan il-prinċipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddeċidiet li dak ix-xhud li kien akkużat bħala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkużat kien jinsab akkużat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-każ tiegħu jgħaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u oħrajn.) L-unika eċċezzjoni għal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed għalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."**

Illi riferenza għandha ssir ukoll għad-digriet imsemmi fid-deċiżjoni appena kwotata liema digriet ingħata fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

**"Il-ġurisprudenza hi ċara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm "ko-akkużati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkużata fi proċeduri separati."**

### A.3 Konklużjoni

F'dan l-isfond u fid-dawl tal-fatt li Brian ZAMMIT kien ko-imputat fl-istess proċeduri illi fihom kien akkużat l-esponenti u akkużat bl-istess akkuża miġjuba kontra l-appellant, dak kollu mistqarr u/jew ppreżentat minnu, kemm favur kif ukoll kontra l-esponenti, ma jista' qatt jitqies li jagħmel prova ammissibbli kontra l-esponenti.

### B. Dwar l-involviment tal-esponenti fid-dawl tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

### B.1 Ġenerali

[3] Deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

Fil-proċeduri odjerni, l-esponenti qiegħed jiġi akkużat illi bl-aġir tiegħu ġiegħel żiemel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn kif ukoll li abbanduna l-istess żiemel.

Illi sabiex jiġi stabbilit jekk tali imputazzjoniji avveratx ruħha jeħtieġ li ssir referenza għad-diversi xhieda li xehdu fil-mori ta' dawn l-istess proċeduri kif ukoll għad-dokumenti ppreżentati mill-istess xhieda.

**B.2 Dwar l-involviment tal-Esponenti**

Illi skond l-ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti instab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu għaliex *"dan naqas ukoll permezz ta' azzjoni omissiva passiva tiegħu u dan għaliex kif ingħad hawn fuq huwa (għal xi raġuni li jaf hu biss) ħallieh f'post fejn kien diġa ngħata ċ-ċans li jneħħieh iżda li għażel li jħallieh hemm."*

Illi l-esponenti ma jista' qatt jaqbel ma' tali konklużjoni u dana għax effettivament il-provi prodotti juru mod ieħor.

Għaldaqstant jeħtieġ li ssir referenza għal diversi xhieda li xehdu fil-mori ta' dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Onorbbli Qorti.

Fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu, 2015 ta' PS 827 Edward Grech. Fuq il-pedana tax-xhieda, s-Surġent jikkonferma bil-ġurament tiegħu illi minn dak mistqarr kemm mill-esponenti kif ukoll mill-ko-imputat Brian ZAMMIT illi :

*"Ovvjament hu (b'referenza għall-esponenti) kellu ftehim bejnu u bejn Brian biex Brian jeħodlu ħsiebu, jagħtih l-ikel u x-xorb lil dan iż-żiemel, biss għal xi raġuni jew oħra dan iż-żiemel ġie maltrattat."*

Mill-istess xhieda tas-Surġent Edward Grech jirriżulta wkoll illi:

*"Tidħol ir-razzett kien hemm xi kmamar hawn fuq il-ġnub u kien hemm xatba faċċata minn fejn kien hemm il-paddock taż-żiemel, hemmhekk kien għamel ix-xatba Brian,* ***ovjament Carmelo ma kellux ċans jidħol għaż-żiemel."*** (enfasi tal-esponenti).

Sussegwentament fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Ġunju, 2015 xehdet Tessie Zahra, ossia persuna oħra illi kienet tirresjedi fl-istess razzett. Kif tikkonferma x-xhud fuq il-pedana tax-xhieda "Brian ZAMMIT għalqilna x-xatba u ma stajniex ngħaddu aħna u ma stajniex nagħmlu kif ridna hu." Ix-xhud tikkonferma wkoll illi ż-żiemel mertu tal-proċeduri odjerni kien imsakkar wara l-imsemmija xatba u konsegwentament ma kellhomx aċċess għalih għajr Brian ZAMMIT stante li l-istess ZAMMIT biss kellu ċ-ċavetta tax-xatba. Ix-xhud tikkonferma tikkonferma **"aħna ma stajniex narawh bix-xatba magħluqa"** L-istess xhud meta mistoqsija dwar jekk

irċievitx xi informazzjoni sabiex ineħħu ż-żiemel minn postu għax kienu ser jaqgħu xi kmamar, ix-xhud tikkonferma illi għalkemm hija rċiviet xi karti madanakollu l-affarijiet ma setgħetx tneħħihom u dana stante li **"kien hemm ix-xatba magħluqa."**

Fl-istess seduta xehed Anthony Zammit, ossia missier il-ko-imputat Brian ZAMMIT fejn jikkonferma illi effettivament kien hu illi nkariga lill-ko-imputat Brian ZAMMIT illi jagħmel ix-xatba u jsakkarha. Meta l-istess xhud ġie mistoqsi jekk tax ċans lill-esponenti li jidħol fl-għalqa sabiex jieħu ħsieb dan iż-żiemel, ix-xhud mingħajr ebda eżitazzjoni jikkonferma illi:

"Xhud: Ma tajt lil ħadd xejn jien.
Pros: Kif?
Xhud: Ma tajt lil ħad xejn biex jidħol, la għalaqt ix-xatba daqshekk ħadd ma jidħol iżjed.
Pros: Ma ridt lil ħadd jidħol inti?
Xhud: Daqshekk"

Illi għandu jiġi nnuttat illi sussegwentament ix-xhud ġie mwissi illi b'dak illi kien qiegħed jixhed kien qiegħed jinkrima lilu nnifsu u konsegwentament ix-xhud għażel li ma jkomplix jixhed.

Illi huwa fatt ikkontestat illi l-unika persuni illi ngħataw aċċess għal ħdejn iż-żiemel, meta l-istess żiemel kien qiegħed jiġi maħqur kienu: Anthony Zammit, Brian ZAMMIT kif ukoll Josianne ZAMMIT, ossia mart il-ko-imputat Brian ZAMMIT.

Dan il-fatt ikkonfermawh ukoll l-uffiċjali tal-Animal Welfare inkarigati minn dan il-każ, ossia Elaine Galdes u Fiorita Sammut illi xehdu fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2016. Iż-żewġ uffiċjali tal-Animal Welfare ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom illi:

"Iż-żiemel kien oltre dan il-kanċell, issa aħna dment li ma kellniex lil ħadd min jiftħilna ma stajniex nidħlu"

"Il-kanċell infetaħ x'ħin waslet is-sinjura Josanne ZAMMIT għal fatt li kien hemm kwistjoni, qiegħda mniżżla fir-rapport ukoll illi qalulna illi kellhom kwistjoni fil-Qorti fuq l-art, illi l-għalqa kienet tagħhom pero' ż-żiemel mhuwiex u ma kellux aċċess biex jidħol jitimgħu, pero kien hemm arranġament mod ieħor fejn sid iż-żiemel kien iħalli l-ikel ta' kuljum u sid l-għalqa kien jitimgħu."

Punt ieħor illi joħroġ mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Animal Welfare huwa li ma teżisti l-ebda kontestazzjoni dwar dan l-arranġament illi kien jeżisti bejn il-ko-imputati, ossia illi sid iż-żiemel kien iħalli l-ikel u dak li għandu bżonn iż-żiemel ħdejn l-imsemmi kanċell imbagħad sid l-għalqa kien jieħu

ħsieb iż-żiemel. Dan jemerġi biċ-ċar mix-xhieda tal-istess uffiċjal Elaine Galdes:

"Li kien hemm dan l-arranġament, ħadd minnhom ma nnega li dan l-arranġament ma kienx hemm"

Sussegwentament nhar it-18 ta' Ġunju, 2018, l-uffiċjal prosekutur dak iż-żmien l-ispettur Johann Fenech ppreżenta tlettax il-rapport u kwerela imamrkati minn Dok JF 8 sa dok JF 21 fejn permezz tagħhom l-esponenti kien qiegħed jilmenta mal-Pulizija dwar kif huwa ma kienx qiegħed jingħata aċċess sabiex jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu, liema preklużjoni wasslet għall-mewt taż-żiemel.

Illi permezz tal-imsemmija rapport, l-esponenti mhux talli talab illi jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-ko-imputat Brian ZAMMIT iżda dejjem talab sabiex huwa jkun jista' jingħata aċċess u jieħu ħsieb dan iż-żiemel, iżda effettivament kif jemerġi biċ-ċar mill-atti proċesswali u l-provi prodotti tali aċċess baqa' qatt ma ngħata u konsegwentament dan wassal sabiex iż-żiemel imut maħqur.

Għandu jiġi mfakkar dak dispost mill-artikolu 8(3) u 8(4) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*

*(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard."*

Mill-provi prodotti rriżulta inkontestat illi:

1. Kien hemm qbil bejn l-esponenti u l-ko-imputat Brian ZAMMIT illi ż-żiemel kien sejjer jieħu ħsiebu Brian ZAMMIT waqt li l-esponenti kellu jħallilu l-ikel u dak li kellu bżonn iż-żiemel ħdejn l-imsemmija xatba;
2. Għalkemm iż-żiemel kien tal-esponenti, iż-żiemel kien qiegħed jinżamm minn Brian ZAMMIT u konsegwentament kellu jkun il-ko-imputat Brian ZAMMIT bħala l-persuna li qabel li jżomm l-annimal li kien responsabbli għat-trattament xieraq taż-żiemel;
3. L-esponenti għamel dak kollu li hu possibbli sabiex ikun jista' jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu saħansitra talab l-assistenza tal-Pulziija għal minn

ta' lanqas tlettax -il darba; madanakollu din l-assistenza baqgħet qatt ma waslet.

L-esponenti jistaqsi:

1. Jekk huwa bħala sid iż-żiemel għamel dak kollu legalment possibbli sabiex jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu kif inhu xieraq iżda effettivament qatt ma tħalla jagħmel dan kif jista' qatt seta' jinstab ħati li abbanduna jew ħaqar liż-żiemel tiegħu?
2. Jekk kien hemm arranġament mal-ko-imputat Brian ZAMMIT illi dan kellu jieħu ħsieb liż-żiemel kif kien xieraq, l-esponenti x'jaħti jekk Brian naqas milli jagħmel dan?
3. Kif jista' jkun persuna tinstab ħatja għal nuqqasijiet ta' ħaddieħor?
4. Jekk l-esponenti qatt ma kien konxju illi Brian ZAMMIT kien qiegħed jonqos milli jipprovdi ambjent xieraq u jiżgura s-saħħa u l-benesseri tal-annimal stante li minn dak in-nhar illi ġiet msakkra x-xatba l-appellant qatt ma tħalla jerġa' jara ż-żiemel tiegħi, kif seta' jieħu azzjoni aktar milli dak li pprova jagħmel?

Fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl tal-fatt illi effettivament kien Brian ZAMMIT illi qabel li jżomm iż-żiemel u effettivament iż-żiemel kif fil-pussess tiegħu u għaldaqstant responsabbli għaż-żiemel kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti, legalment ma seta' jagħmel xejn aktar sabiex jassigura illi ż-żiemel kien qiegħed jinżamm f'kundizzjoni tajba, huwa ma seta' qatt jinstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

**C. <u>Dwar l-Intenzjoni Kriminuża tal-Appellant</u>**

Dan l-aggravvju qiegħed jinġieb 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravvji preċedenti.

Il-Professur Mamo fin-noti tiegħu jgħallem illi l-elementi li jsawru r-responsabilita' kriminali qegħdin miġburin fil-prinċipju legali *'actus non facit reum nisi mens sit rea'*. Profs. Mamo jgħallem li:

**"Intention, in general, is the purpose or design with which an act is done. It is the fore-knowledge of the act; coupled with the desire of it; such fore-knowledge and desire being the cause of the act, in as much as they fulfil themselves through the operation of the will. An act is intentional if, and in so far as, it exists in idea before it exists in fact, the idea realising itself in the fact because of the desire by which it is accomplished."**

A bażi tat-tagħlim su espost, il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir u l-obbligu legali li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni lil-appellant kien jaf illi ż-żiemel tiegħu kien qiegħed isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u abbandunah.

Tifli kemm tifli l-atti proċesswali jirriżulta illi l-esponenti qatt ma ġie nfurmat jew kien konxju tal-fatt illi ż-żiemel tiegħu kien qiegħed jiġi maħqur, anzi addirittura, għalkemm ġie prekluż milli jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu, baqa' jħallilu l-ikel ta' kuljum kif ukoll xi affarijiet oħra neċessarji ħdejn ix-xatba imbagħad kien fir-responsabbilita ta' ZAMMIT, bħala l-persuna responsabbli miż-żiemel, li jinforma lill-esponenti illi ż-żiemel ma kienx qiegħed jinżamm f'kundizzjoni tajba.

Madanakollu, l-esponenti baqa' qatt ma ġie nfurmat dan u għaldaqstant ma tista' qatt tirriżulta illi l-esponenti kien jaf u kellu l-*mens rea* neċessarja illi bl-aġir kien qiegħed iġiegħel lil tali żiemel isofri.

Għaldaqstant fin-nuqqas ta' dan l-element formali illi effettivament kellu jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju detat mir-raġuni, l-esponenti jemmen illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

### C.1 Dwar id-Dolo tal-Appellant

Dan l-aggravju qiegħed jinġieb 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

Illi permezz tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu l-esponenti ġie akkużat illi ġiegħel animal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn kif ukoll talli abbanduna l-istess annimal.

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jirriżulta biċ-ċar illi l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet illi l-esponenti huwa ħati stante li aġixxa b' çulpa u mhux b'dolo. Dan jemerġi mill-fatt illi l-ġurisprudenza kkwotata u li a bażi tagħha instabet ħtija tirrigwarda culpa u mhux dolo.

Madanakollu fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorbbli Qorti kienet żbaljata meta bbażat il-ħtija fuq 'culpa' u dana stante li sabiex wieħed jinstab ħati ta' dan ir-reat **jeħtieġ li tiġi ppruvata l-intenzjoni doluża tal-akkużat**, liema intenzjoni fil-każ odjern ċertament ma teżistiex u mhux il-culpa.

Fid-dawl tas-su espost qiegħda ssir referenza għal sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Fenech''**[4] fejn f'dak il-każ permezz tat-tielet imputazzjoni l-akkużat kien qiegħed jiġi akkużat illi ħaqar u uża kefrija fuq annimali, madanakollu l-Qorti ikkonkludiet illi:

[4] Deciza nhar it-30 ta' Jannar, 2012 per Mag. Dr J. Apap Bologna

"In rigward it-tielet akkuża, (bl-ittra C) ċertament ma jistax jingħad li ġie ppruvat **Ii l-akkużat intenzjonalment kien jaħqar lill-annimali**." (enfasi tal-esponenti)

Għaldaqstant jirriżulta illi sabiex imputat jinstab ħati illi ħaqar annimal, kif effettivament instab ħati l-esponenti permezz tas-sentenza appellata, jeħtieġ illi tiġi ppruvata illi l-esponenti kien qiegħed intenzjonalment jaħqar tali annimal, liema intenzjoni ċertament ma tissusistiex fil-każ odjern, tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponenti erronjament, ibbażat il-ħtija fuq culpa u mhux fuq dolo.

Għaldaqstant l-esponenti ma seta' qatt jinstab ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

**D. Dwar il-Piena**

Dan l-aggravju qiegħed jiġi mressaq 'il quddiem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti.

Illi permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef ewro (€5000).

L-appellant, bħal kull persuna oħra tas-soċjeta', għandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tiegħu li għandhom jiġu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* jinstab ħati. Għaldaqstant, l-esponenti m'għandux ikun suġġett għal piena ħarxa u sproporzjonata. Dan għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti ġia tilef iż-żiemel tiegħu minħabba nuqqas ta' ħaddieħor. F'ċirkostanzi li huwa jiġi suġġett għal piena sproporzjonata, ikun hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

Sabiex wieħed jistabilixxi jekk piena tosservax il-prinċipju tal-propozjonalita' jeżistu diversi eżamijiet. Fil-fatt, i**l-Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Għalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' waħda jeħtieġ li tkun waħda proporzjonata. Dan joħroġ biċ-ċar fil-kas, **Ute Reindl, ippreżentat minn MPREIS Warenvertriebs GmbH v Bezirkshauptmannschaft Innsbruck,** deċiża nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti qalet,

**"According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements**

**of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive.**
**In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation…"**

Illi fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jemmen illi l-piena erogata hija waħda sproporzjonata u għaldaqstant jemmen illi għandha tiġi varjata.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar id-19 ta' Novembru 2013 għall-ħabta tas-19:30, l-appellant Carmelo ZAMMIT irraporta l-għassa taż-Żejtun illi n-neputi tiegħu Brian ZAMMIT, kien għalaq l-aċċess li kellu għal għalqa fejn hu kellu żiemel u minħabba f'hekk hu ma setax aktar jaċċedi għaliħ. Skond l-appellant din ix-xatba kienet ilha magħluqa minn Lulju 2013. Jirraporta li allavolja kellhom ftehim ma' Brian ZAMMIT sabiex huwa jagħti l-ikel u x-xorb liż-żiemel li l-appellant stess kien iħallilu wara din ix-xatba, iż-żiemel ġie maltrattat. Irraporta wkoll illi dakinhar stess għall-ħabta tas-13:05, l-Uffiċjali tal-*Animal Welfare* kienu rċevew rapport mingħand Josanne ZAMMIT, mart Brian ZAMMIT, li nfurmathom illi kellhom żiemel fil-propjeta' tagħhom ċjoe fl-indirizz numru 1, Triq Ħal-Tarxien, Iż-Żejtun, illi kien qed imut. Dawn ġew infurmati wkoll illi dan iż-żiemel kien tal-appellant Carmelo ZAMMIT.

5. Irriżulta li meta l-Uffiċjali waslu fuq il-post sabu xatba msakkra u wara li fetħitilhom Josanne ZAMMIT huma daħlu fl-għalqa fejn sabu żiemel mitluq mal-art li kien jidher bagħtut ħafna. Issejjaħ il-

veterinarju fuq il-post li kkonferma li dan iż-żiemel kien jidher ċar li ma kienx ikkurat u kien malnutrit. Il-qagħda taż-żiemel tant kienet aggravat li ttieħdet id-deċiżjoni li jitraqqad fuq il-post.

6. Il-Pulizija tkellmu mal-appellant li kkonferma magħhom li ma riedx joħroġ iż-żiemel mill-għalqa in kwistjoni u dan minħabba li kellhom kwisjtoni fuq it-titlu tal-art. L-appellant stqarr li dik l-għalqa ma kinitx tappartjeni lil missier Brian ZAMMIT. Din il-kwistjoni ċivili kienet tifforma l-meritu ta' kawża pendenti l-Qorti. L-appellant stqarr ukoll li ma kienx jaf minn xiex kien għaddej iż-żiemel għax ma kellux aktar aċċess għaliħ minn mindu x-xatba ssakret minn Brian ZAMMIT u missieru.

7. Konsegwentement ittieħdu passi formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri fil-konfront kemm ta' Brian ZAMMIT kif ukoll kontra l-appellant.

***Ikkunsidrat:***

8. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-***

***Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[5] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[5] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

9. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[6]

10. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

11. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

[6] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[7]

13. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-

[7] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs. Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs. Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs. Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs. Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[8].

14. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti

---

[8] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[9]

16. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne,***[10]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

17. Illi l-appellant jinstab akkużat bil-ksur tal-artikolu 8(2)(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta) li jinqara kif ġej:

> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.
> (3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.

18. Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annumal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum. Madanakollu

---

[9] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.
[10] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

għalkemm dan is-subparagrafu ma kienx fis-seħħ fil-Liġi fiż-żmien meta seħħew il-fatti ta' dan il-każ ma jfissirx li l-ipoteżi tar-reat kontemplata f'dan il-każ kienet eskluża jew insussistenti fiż-żmien meta seħħew il-fatti.

19. Illi t-tifsira ta' '*moħqrija*' ta' annimali li kienet (u għadha) viġenti fi żmien il-fatti tal-każ :

> tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni,[11] isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa'.[12]

***Ikkunsidrat:***

20. Illi l-appellant Carmelo ZAMMIT jisħaq illi ma jaqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Huwa jagħmel referenza għal diversi xhieda li kkonfermaw li wara li x-xatba *de quo* ingħalqet minn Brian ZAMMIT u missieru Anthony, l-appellant ma setax jaċċedi għaż-żiemel tiegħu u jtiħ l-attenzjoni meħtieġa. Kwindi l-uniċi persuni li kellhom aċċess għaż-żiemel fiż-żmien meta kien qed jiġi maltrattat kienu: Anthony Zammit, Brian ZAMMIT u martu Josanne ZAMMIT. Konsegwentement Brian ZAMMIT kien responsabbli għaż-żiemel fiż-żmien meta l-aċċess ġie preklużlill-appellant.

[11] Emfazi tal-Qorti.
[12] Artikolu 2 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. Carmelo ZAMMIT jisħaq ukoll li hu effettivament għamel li seta' biex jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu tant illi għamel tlettax ir-rapport lil Pulizija li madankollu qatt m'għamlu xejn; u għalhekk ma setgħax jinstab ħati għall-aġir ta' ħaddieħor.

22. In oltre jgħid li l-Prosekuzzjoni ma ppruvawx il-*mens rea* meħtieġa biex jiġi ritenut li integra dan ir-reat. Itenni illi ma tistax issir referenza għal dak li stqarr jew xehed Brian ZAMMIT fil-konfront tiegħu peress illi dawn kienu ko-imputati fl-istess proċeduri, u dan kien prekluż mill-artikoli 658 u 661 tal-Kodiċi Kriminali.

23. Jgħid ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati donnha sabitu ħati ta' reat kolpuż aktar milli għal dak doluż. Dan peress li dik il-Qorti tagħmel referenza għal siltiet ġurisprudenzjali Taljani li donnhom jiffukaw fuq il-forma kolpuża; meta f'dan il-każ effettivament irid jiġi ppruvat id-*dolo* u mhux il-*culpa*.

***Ikkunsidrat :***

24. Illi din il-Qorti taqbel li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tapplika dak li stqarr Brian ZAMMIT fl-istqarrija u fit-testimonjanza tiegħu fil-konfront tal-appellant u dan peress li huma kienu ko-akkużati.

25. Din il-Qorti taqbel ukoll li, mid-diċitura tal-liġi hawn fuq imsemmija, ir-responsabbilta' kriminali derivanti minn dan l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Kodiċi Kriminali mhix limitata biss għas-sid tal-annimal; iżda s-subartikolu (3) tal-Artikolu 8 jestendi r-

responsabbilta penali anki fuq kull min ikun qed iżomm l-annimal fil-propjeta' tiegħu. Hawnhekk il-Liġi toħloq l-istess obbligi ta' kura għall-annimal kemm fuq sid l-annimal kif ukoll fuq min ikun qed iżommu.

26. Huwa evidenti illi fiż-żminijiet anteċedenti, konkomitanti u sussegwenti l-fatti li taw lok għal dan il-każ, kien hemm kwistjoni taħraq bejn l-appellant u l-familjari tiegħu dwar l-għalqa fejn dan iż-żiemel kien qiegħed jinżamm. Ħadd mix-xiehda li xehdu ma jiċħad li fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ, Brian ZAMMIT kellu d-detenzjoni tal-art fejn kien hemm il-*paddock* li fiha kien jinżamm iż-żiemel tal-appellant u li fil-fatt huwa kien qiegħed iżomm lil dan iż-żiemel.

27. Irriżulta ċar ukoll illi kienu Brian ZAMMIT u missieru Anthony Zammit li sakru x-xatba biex il-familjari, inkluż allura l-appellant, ma joqogħdux deħlin u ħerġin fl-egħlieqi in kwistjoni. Minn din l-azzjoni nibtu diversi kwistjonijiet legali ta' natura ċivili u kriminali bejniethom. Apparti minn hekk jirriżulta pruvat li minn meta din ix-xatba ġiet imsakra minn Brian ZAMMIT u missieru, l-appellant ma kellux l-aċċess liberu għaż-żiemel tiegħu.

28. Madankollu huwa minnu wkoll minn dak li rriżulta mill-atti illi fit-18 ta' Lulju 2013, Anthony Zammit, missier Brian ZAMMIT u ħu l-appellant, kien kiteb ittra lill-appellant sabiex jieħu l-effetti tiegħu mir-razzett f'okkażżjoni waħda u miftehma biex b'hekk wara hu jkun jista jagħlaq l-aċċess għar-rażżett fejn kien hemm iż-żiemel.

29. Sussegwentement fit-2 ta' Settembru 2013 intbagħtet ittra legali oħra, fejn din id-darba Carmelo ZAMMIT kien ġie interpellat biex f'ġurnata miftehma huwa jieħu ż-żiemel tiegħu u l-effetti li kien fadallu jieħu sabiex il-binjiet illegali li kienu fir-razzett, nkluż il-*paddock* fejn kien qed jinżamm iż-żiemel, jitwaqqgħu kif kienu qedgħin jitolbu l-awtoritajiet minn Brian ZAMMIT. Madankollu jidher ċar illi minkejja tali interpellazzjonijiet da parti ta' Anthony Zammit, dan iż-żiemel baqa' fl-għalqa u Carmelo ZAMMIT ma ħadux minn hemm.

30. Huwa wkoll soddisfaċentement pruvat li bejn l-appellant u Brian ZAMMIT kien intlaħaq ftehim li bih Brian ZAMMIT kellu jitma' liż-żiemel bl-ikel li kien iħallilu wara x-xatba msakkra l-istess Carmelo ZAMMIT. Mix-xiehda jirriżulta wkoll pruvat li l-appellant kien verament iħalli dan l-għalf għaż-żiemel wara x-xatba msakra, iżda hemm kontestazzjoni dwar kemm dan l-għalf kien ikun biżżejjed għad-dieta sana ta' dan iż-żiemel.

31. Ma jirriżultax mill-provi li Brian ZAMMIT ma kienx jonora dan il-ftehim. Biss ma hemmx provi biżżejjed biex il-Qorti tkun f'qagħda tgħid b'eżattezza kemm filfatt kien jitħalla ikel għaż-żiemel mill-appellant jew kemm minnu kien jingħata liż-żiemel. Jibqa' l-fatt illi minkejja dan, il-qagħda taż-żiemel marret lura ferm tant illi kellu jitraqqad fid-19 ta' Novembru 2013 minħabba l-istat ta' saħħa pjetuż li instab fih mill-veterinarju Chetcuti Ganado.

32. Illi skond id-deposizzjoni tal-veterinarju Duncan Chetcuti Ganado, kif ukoll mir-rapport tiegħu, jirriżulta illi dan iż-żiemel ġie sottopost għal uġiegħ bla bżonn fejn saż-żmien meta ġie nvistat minnu, dan iż-żiemel ma kien qatt ġie nvistat minn veterinarju ieħor, minkejja li kien evidenti li kien qed ibgħati minn dan l-uġiegħ. Din it-tbatija kienet ikkaġunata minn :

> inappropriate housing, insufficient feed, insufficient grooming, old untreated wounds; underweight. The horse had been adandoned to its destiny, with no person actually caring for it.[13]

33. Il-qagħda kritika taż-żiemel u n-nuqqasijiet li rriżultaw kienu evidenti ġew anki kkonfermati mir-rappreżentanti tal-*Animal Welfare* li xehdu f'dawn il-proċeduri. Ġie soddisfaċentement ippruvat li dan iż-żiemel kien qed ibgħati ħafna u dan mingħajr l-ebda ħtieġa minħabba diversi nuqqasijiet.

34. Illi mix-xhieda ta' Dr. Matthew Brincat, li xehed għan-nom ta' Carmelo ZAMMIT, irriżulta li l-appellant kien preokupat dwar ix-xatba magħluqa li ċaħditu mill-aċċess liberu lejn iż-żiemel tiegħu. Madankollu minn dak illi xehed l-ispettur Johann Fenech, jirriżulta wkoll illi l-appellant ma nnegax illi hu filfatt kien ħalla ż-żiemel fl-għalqa volontarjament allavolja, skont kif irriżulta wkoll minn korrispondenza fl-atti, kienu nħarġu xi effetti mobbli oħra tal-appellant mill-egħelieqi in kwistjoni.

35. Irriżulta illi filwaqt li l-appellant kellu l-opportunita' li joħroġ liż-żiemel mill-għalqa fejn nibtet din il-kwistjoni, hu ddeċieda li jħalli

---

[13] Rapport tal-Veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado a folio 42 et seq tal-atti proċesswali.

ż-żiemel tiegħu hemmhekk, minkejja li l-aċċess kien filfatt ser jingħalaq u minkejja l-attrit, pika u ġlied li kien hemm ma' ħuh u n-neputi tiegħu Brian.

36. Id-deċiżjoni tal-appellant kienet li ż-żiemel iħallih fl-għalqa minkejja li ġie interpellat biex joħorġu minn hemm. Iż-żiemel għalhekk inqabad bejn il-martell u l-inkwina u spiċċa ħallas l-ogħla prezz intortament. L-appellant kien jaf li bħala sid iż-żiemel huwa kellu l-obbligu primarju li jieħu ħsieb iż-żiemel u li ma setgħax jaqbad u jeħles mir-responsabbilta' taż-żiemel sempliċiment billi jħalli liż-żiemel fl-għalqa bit-tama li ħuh u neputih iduru u jieħdu ħsieb iż-żiemel minfloku u fl-istess waqt iżomm liż-żiemel ostaġġ tiegħu bħala l-mezz li bih iżomm il-"pussess" tiegħu fuq dawk l-għelieqi.

37. F'dan l-isfond, l-argument tal-appellant illi hu ma setax jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu kif jixraq peress li ma kellux aċċess għaliħ jisfa' fix-xejn għaliex huwa seta' faċilment jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu billi joħorġu mill-għalqa u jipprevjeni l-eventwalitajiet kollha ta' uġiegħ, tbagħtija, dwejjaq jew abbandun taż-żiemel billi jieħu azzjoni fiż-żmien opportun. Biss għall-interessi tiegħu għażel li ma jagħmilx dan u ħaseb li billi jipprovdi l-għalf għaż-żiemel kien biżżejjed biex huwa jkun meħlus mill-obbligi tiegħu taħt l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan pero ma hux hekk.

38. Filwaqt illi ġie pruvat soddisfaċentement li l-appellant u familjari tiegħu għamlu diversi kwereli mal-Pulizija, prinċipalment kontra Brian ZAMMIT, jirriżulta li kien hemm biss żewġ kwereli li fiha

jissemma' ż-żiemel. Waħda minn din il-kwereli kienet dik li saret dakinhar li miet iż-żiemel, li jirriżulta li ġiet magħmula **wara** li traqqad iż-żiemel u mhux qabel.

39. L-appellant, f'dan l-istadju kien konxju tal-kwistjonijiet u d-diffikultajiet li kienu qedgħin jinqalgħu bejn il-partijiet, inkluż tal-aċċess limitat li kellu lejn l-għalqa u konsegwentement għaż-żiemel tiegħu. L-appellant kien jaf li Brian ZAMMIT u missieru rieduħ li jiżgombra kollox minn dik l-għalqa, inkluż iż-żiemel tiegħu – aħseb u ara kemm kienu disposti li realistikament u umanament jieħdu ħsieb dak iż-żiemel skont kif kienu obbligati jagħmlu skont il-liġi ladarba kien miżmum minnhom.

40. L-appellant kien jaf ukoll li fl-isfond ta' dawn il-kwistjonijiet ma setgħax jippretendi jiskarika fuq ħaddieħor l-obbligi tiegħu li jieħu ħsieb iż-żiemel tiegħu, aktar u aktar meta wieħed iqis li ż-żwiemel jeħtieġu kura u attenzjoni kostanti u ta' kuljum – u mhux biss provvista ta' ikel u xorb adegwat iżda ferm u ferm aktar kura u attenzjoni.

41. Anzi l-appellant kien diġa jaf l-ambjent li dan iż-żiemel kien qiegħed jiġi miżmum fih, u li jidhru pależament li ma kienux tajbin għalbiex żiemel jgħix ħajja sana anke meta hu kien għad għandu aċċess liberu għal dan iż-żiemel. Minbarra dan l-ammont ta' ikel li kien jitħalla għaż-żiemel jirriżulta li kien ftit wisq biex jassigura li ż-żiemel jinżamm f'saħtu – u dan stante li ma hemmx prova biżżejjed li turi, fuq bażi ta' probabbilta', li Brian ZAMMIT ma kienx qed jissomministra l-ikel li l-appellant kien qiegħed iħallilu. Biss anke

jekk Brian ZAMMIT kien qiegħed jitma' l-ikel li l-appellant kien qiegħed iħalli, xorta waħda dan l-ikel irriżulta li ma kienx biżżejjed. Dan għalhekk huwa nuqqas ieħor a karigu tal-appellant li jmur kontra l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

42. L-appellant itenni li l-Qorti tal-Maġistrati donnha sabet lill-appellant ħati ta' *culpa* aktar milli *dolus*, u f'dan il-każ dak li l-liġi kienet teħtieġ huwa prova ta' *dolus* u mhux sempliċiment *culpa*. Dak li din il-Qorti fehmet mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati dwar dan il-punt huwa li dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-reat taħt l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ir-reat, kif spjegat aktar il-fuq huwa msejjes fuq il-fatt li :

> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.
> (3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.

43. Dik il-Qorti qieset li l-ħtija fl-appellant kienet titnissel minn azzjoni omissiva passiva u dan għaliex għal raġuni li jaf hu biss, għażel li jħallih f'post fejn kien diġa ngħata ċ-ċans li jneħħieh iżda li għażel li jħallih hemm. Bħala sid tal-annimal huwa kien jaf li ż-żiemel kellu bżonn attenzjoni partikolari kull jum u mhux kemm wieħed itih l-ikel u xorb. Aktar u aktar meta kien qiegħed iħallih f'idejn ħuh u neputih li magħhom kellhom ġlied, piki, kwereli u kawżi l-Qorti.

44. Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċiħ

fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttiħ ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttiħ biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu.

45. F'dan il-każ, l-appellant, fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jirriżulta li, minkejja l-ġlied, attrit, piki, kwereli u kawżi li kien hemm bejnu u bejn ħuħ u neputih, għażel li jieħu diversi oġġetti mill-egħlieqi kontestati filwaqt li ħalla liż-żiemel fl-egħelieqi kontestati minkejja li kien interpellat biex jieħdu minn hemm. Fl-isfond ta' din ir-relazzjoni ħażina bejnu u bejn ħuh u neputih, huwa bl-ebda mod ma setgħa raġonevolment jippretendi minnhom li jieħdu l-kura taż-żiemel daqs kemm setgħa jieħu kura hu, anke jekk huma kienu legalment marbuta li jieħdu ħsieb iż-żiemel sewwa ladarba dan iż-żiemel żammewħ fl-għalqa detenuta minnhom. Biss l-appellant kien jaf, u setgħa faċilment jipprevedi li, il-mument li kien sejjer iħalli ż-żiemel hemmhekk, il-probabbilita kienet se tkun li ħuh u neputih ma kienux sejrin jipprodvu dik il-kura u attenzjoni li dak iż-żiemel kien jeħtieġ li jkollu, u dan b'detriment għal saħħet dak iż-żiemel.

46. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha kuntest fejn, minkejja li l-appellant setgħa faċilment jipprevedi l-event tal-uġiegħ, tbatija, dwejjaq u abbandun, jekk huwa kien ser iħalli ż-żiemel warajh fl-

għalqa, huwa mill-banda l-oħra ġie jaqa' u jqum jekk dawn l-eventi, faċilment prevedibbli bħala probabbli, iseħħux jew le.

47. L-appellant, f'dawk iċ-ċirkostanzi, setgħa jara li l-eventi tal-uġiegħ, tbatija, dwejjaq u abbandun, kienu konsegwenzi possibbli tal-fatt li huwa għażel li jħalli lil dan iż-żiemel fl-għalqa okkupata minn ħuh u neputih minflok jieħu dak iż-żiemel miegħu taħt il-kura diretta tiegħu. Huwa setgħa jipprevedi li, f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' ġlied, kawżi u piki bejnu u bejn ħuh u neputih, dawn tal-aħħar ma kienux ser ikunu lesti li jġorru fuqhom il-piż fiżiku u finanzjarju li jieħdu ħsieb iż-żiemel bl-aħjar mod possibbli anke jekk legalment hekk kienu obbligati li jagħmlu, ġaladarba huma kienu qegħdin jaraw dan iż-żiemel bħala ostaklu għalihom u parti mill-problema li kellhom ma ħuhom.

48. Jista' jkun ukoll li f'dan il-kuntest, minkejja li l-appellant setgħa faċilment jipprevedi l-event tal-uġiegħ, tbatija, dwejjaq u abbandun, huwa ma xtaqx li ż-żiemel isofri wġiegħ, tbagħtija, dwejjaq u abbandun. Iżda minkejja dan xorta ppresista li jħalli ż-żiemel hemm. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li l-event tal-uġiegħ, tbatija, dwejjaq u abbandun, kien previst mill-appellant, u minkejja dan huwa għażel volontarjament u xtaq li jħalli warajh liż-żiemel fl-għalqa okkupata minn ħuh u neputih. Dan iwassal għall-konklużjoni li anke jekk huwa ma xtaqx l-uġiegħ, tbatija, dwejjaq jew abbandun fiż-żiemel, l-intenzjoni tiegħu xorta waħda tirriżulta fil-forma doluża tagħha. U kif tgħallem din il-Qorti

diversament presjeduta fil-kawża ***Il-Pulizija vs Julian Genovese*** tal-10 t'Awissu 2010 :-

> Wiehed ma jrid qatt jinsa li d-dolo jikkonsisti kemm fl-intenjoni pozittiva diretta kif ukoll fl- intenzjoni pozittiva indiretta, u li din tal-ahhar hija wkoll bizzejjed biex tirradika l-element formali tar-reat meta dan ikun jirrikjedi – kif effettivament jirrikjedi l-Artikolu 325 – l- intenzjoni doluza. Sfortunatament hija opinjoni popolari, izda wahda zbaljata, anke fost certi avukati, li l-intenzjoni pozittiva indiretta hija relevanti biss fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju. Kif diga` nghad, dan ma hux minnu. Ghalhekk meta l-appellant tefa' l-oggetti u kkaguna hsara fil-proprjeta` tat-tifla, dan certament ma kienx kaz ta' semplici negligenza (Art. 328), fis-sens li hu naqas milli jipprospetta l-hsara, izda huwa ra l-hsara fil-proprjeta` taghha bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u, anke jekk huwa ma riedx dik il-hsara fil-proprjeta` tat-tifla, xorta wahda wettaq l-ghemil li gab dik il-hsara. Ghalhekk il-hsara hija wahda volontarja.

49. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal sabiex issib lil Carmelo ZAMMIT ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

*Ikkunsidrat:*

50. Illi fl-aggravju li jitratta l-piena, l-appellant jaċċena għall-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex titratta miegħu bl-istess mod bħalma trattat lil Brian ZAMMIT meta hija imponiet l-istess piena. L-appellant itenni li dik il-Qorti kellha tagħmel distinzjoni bejn ir-responsabbilta' tagħhom fil-konfront taż-żiemel.

51. Illi fi żmien mertu tal-każ de quo, il-piena applikabbli għall-ksur tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta kienet ta' multa ta' mhux anqas minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin

ċentżmi (€232.94) u mhux aktar minn sitta u erbgħin elf u ħames mija u sebgħa u tmenin Euro, sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) jew għall-piena ta' priġunerija għal mhux aktar minn sena jew alternattivament għall-imposizzjoni tal-multa kif ukoll tal-piena karċerarja.

52. Illi m'hemm l-ebda dubbju illi l-piena mposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tinsab fil-parametri tal-liġi. Minn dak li rriżulta f'dan il-każ ma jirriżultax għalhekk li meta l-Qorti tal-Maġistrati ġiet biex teroga l-piena tagħha hija ħadet xi żball fil-prinċipju jew inkella imponiet piena li kienet eċċessiva jew manifestament eċċessiva b'mod li allura din il-Qorti jkollha s-setgħa li tbiddel dik il-piena. Minn dak miktub fil-Liġi ta' dak iż-żmien jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet timponi piena ferm għola minn dik li imponiet, peress li anke setgħet timponi piena ta' priġunerija. Biss il-Qorti tal-Maġistrati qieset li dan kien każ ta' gravita tali li għalkemm ma kienx jimmerita priġunerija, xorta waħda kien jimmerita multa konsiderevoli, għalkemm ferm il-bogħod mill-massimu li dik il-Qorti setgħet timponi. Mill-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati rat li dan il-povru żiemel inqabad ostaġġ ta' kwistjonijiet u piki bejn l-appellant u familjari tiegħu li wasslu sabiex dan iż-żiemel iservi ta' pedina għaż-żewġ naħat. Il-prezz spiċċa ħaslu ż-żiemel li ma jingħatax il-kura u l-attenzjoni meħtieġa u fejn, għall-pika, ras u qalb iebsa tal-partijiet kollha involuti, dan iż-żiemel għex f'agunija għal żmien twil li wassal għal mewta kerha. Żgur li dan ma jimmilitax favur temperament ta' pieni.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Carmelo ZAMMIT u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Buġeja***
***Imħallef***